MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 1000/2003/1

**Anatole Baldacchino**

**vs**

**Baby World Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Gunju, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz tal-attur li talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u disgha liri Maltin u tlett centezmi (Lm809.03), illum ekwivalenti ghal elf, tmien mija u erbgha u tmenin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€1,884.53), rapprezentanti l-bilanc ta' ammont dovut mis-socjeta' konvenuta

ghal servizzi professjonali rezi mill-attur lis-socjeta’ konvenuta fuq ordni u inkarigu tas-socjeta’ konvenuta.

Bl-imghax skont il-ligi sal-gurnata ta’ l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-ebda somma ta’ flus m’hija dovuta mis-socjeta’ konvenuta lill-attur.

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, is-socjeta’ konvenuta mhux talli mhix debitrici, imma talli hija kreditrici ta’ l-attur u dan peress illi l-attur ikkawza danni lis-socjeta’ konvenuta billi minhabba negligenza professjonali, da parti tieghu, inkorra lis-socjeta’ konvenuta f’multi.

Illi s-socjeta’ konvenuta pprezentat kontro-talba, fejn iddikjarat illi l-attur kien gie inkarigat mis-socjeta’ konvenuta biex jirrendi servizzi professjonali, partikolarment, imma mhux esklussivament, f’dak li ghandu x’jaqsam ma’ *accounts* u finanzi tas-socjeta’, anke *vis a’ vis* l-awtoritajiet, mal-Kumissarju tat-Taxxi Interni, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u r-Registratur tas-Socjetajiet.

Illi fil-qadi ta’ l-imsemmi inkarigu, l-attur rikonvenut kien negligenti, liema negligenza waslet biex is-socjeta’ konvenuta inkorriet multi ghal dewmien u inadempjenzi ohrajn.

Illi s-socjeta’ konvenuta nkorriet multi u qed titlob dan il-gudizzju ghad-danni ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), ekwivalenti ghal tlett elef, erba’ mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06) bhala multi inkorsi minhabba l-imsemmija negligenza professjonali.

Ghar-ragunijiet suesposti, l-attur rikonvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' konvenuta s-sommma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), ekwivalenti ghal tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06).

Ra r-risposta ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, fejn l-attur eccepixxa illi, primarjament, it-talbiet avvanzati mis-socjeta' konvenuta rikonvenjenti lill-kontro-talba taghha ghandhom jkunu michuda, bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' konvenuta, stante illi tali talbiet huma ghal kollox infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u huma intizi biss sabiex ihammgu r-reputazzjoni professjonali ta' l-attur rikonvenut li minn naha tieghu dejjem qeda l-inkarigu tieghu kif suppost.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

L-attur rikonvenzjonat rriserva kull azzjoni talvolta spettanti lill-attur rikonvenut kontra s-socjeta' rikonvenjenti senjatament, dik ghad-danni naxxenti mid-dikjarazzjonijiet ghal kollox inveritieri ta' l-istess socjeta' konvenuta fl-eccezzjonijiet u kontro-talba taghha.

Ra x-xhieda ta' l-attur li kien l-*Accountant* tas-socjeta' konvenuta fis-sena 1996, meta fl-ahhar tas-sena, d-Direttur tas-socjeta' kien ighaddielu d-dokumenti tal-kumpanija u kien jipprepara l-*management accounts* fuqhom. Id-Direttur kien ighaddihom ghand l-Awditur sabiex dawn jigu awditjati.

L-attur jiddikjara li l-ammont li ghandu jiehu mis-socjeta' konvenuta ghal xoghol professjonali li kien ghamel, kien jammonta ghal tmien mija u disgha liri Maltin u tlett centezmi (Lm809.03), ekwivalenti ghal elf, tmien mija u erbgha u tmenin Euro u tlieta u hamsin centezmi (€1,884.53) u dawn kienu jikkonsistu:-

(a) fis-servizzi ta’ preparazzjoni ta’ *records* skont il-ligi tal-VAT ghas-snin 2000, 2001 u parti mis-sena 2002;

(b) mili tal-formoli ta’ l-istatistika u dokumenti ohra relatati;

(c) preparazzjoni tal-FSS skont il-ligi tas-Sigurta’ Socjali dwar l-impjegati tas-socjeta’ konvenuta ;

(d) preparazzjoni tad-dokumenti rikjesti mid-Dipartiment tal-VAT in konnessjoni ma’ Vat *investigation* li saret kontra l-istess socjeta’ konvenuta fuq suspett jew allegazzjoni ta’ nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti;

(e) preparazzjoni ta’ l-*accounts* ghas-snin 2000 u 2001, mili ta’ formoli tat-taxxa tad-Direttur u formoli ohra moghtija lilu mid-Direttur.

Il-problemi tal-pagament bdew ghal habta tas-sena 2001, meta d-Dipartiment tal-VAT kien beda jaghmel investigazzjoni tas-socjeta’ konvenuta u kienet talbet l-assistenza professjonali tieghu.

Ikompli jispjega, li wara li kien ghadda l-informazzjoni kollha mehtiega mid-Dipartiment tal-VAT kien baghat *invoice* lis-socjeta’ konvenuta bir-rata ta’ hames liri Maltin (Lm5), u cioe’ ekwivalenti ghal hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) kull siegha, kif normalment kien izomm lis-socjeta’ konvenuta.

Wara li kienu ghaddew diversi xhur, kien talab lid-Direttur Zammit ihallas il-kont li kien hemm pendenti u dan kien ighidlu li kien jaf li dawn kienu flus dovuti lilu, kellu *cash flow problem*, izda wara li jitlesta x-xoghol kollu kien ihallsu.

Is-sitwazzjoni baqghet l-istess ghal zmien twil u xorta baqa’ jibghat l-*istatements,* u la s-socjeta’

konvenuta u lanqas id-Direttur ma kienu qalulu li dak l-ammont mhux dovut. Anzi kien dejjem izidulu x-xoghol u jwieghduh li ser ihallsu kollox f'salt.

Ighid ukoll illi kien qed jaghti madwar mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250), ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmi (€582.34) bhala xoghol, u kienu biss qed ihallsu sebghin lira Maltin (Lm70), ekwivalenti ghal mija u tlieta u sittin Euro u sitt centezmi (€163.06), jew mitt lira Maltin (Lm100), ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94), *on account.*

Il-kontijiet bdew jakkumulaw u kien ikkonfronta lil Zammit sabiex ihallas, u dan kien f'Lulju, 2002, u f'Awissu kienu ghaddewlu cekk ta' mitt lira Maltin (Lm100), ekwivalenti ghal mitejn u u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94). Kien rega' kelmu f'Jannar, 2003 sabiex jaghmel pagament u Zammit kien wieghdu li ghandu jhallsu sal-ahhar ta' Frar, 2003 u kien ghalhekk li kien accetta.

Wara li ma sarx il-pagament kien talbu ihallas b'*schedule of payment*, izda Zammit m'accettax.

Minhabba f'hekk, kellu jiftah il-kawza u sa dak iz-zmien ma kienu qatt qalulu li l-ammont ma kienx dovut jew li kien ikkawza xi danni.

L-attur jghid li kien imqabbad mis-socjeta' konvenuta sabiex ihejji l-*accounting records* tal-kumpanija. Il-VAT *return* kienet parti integrali minn dan ix-xoghol. Tul iz-zmien li kien jahdem maghhom kienu nbiddlu l-Awdituri xi erba' (4) darbiet, u ta' l-ahhar kien issugerih hu, kien wiehed jismu Jesmond.

Gieli kien jibghat id-dokumenti direttament lill-Awditur.

Jispjega li sas-sena 2000, is-socjeta' konvenuta dejjem hallset regolarment. Imbaghad wiehed mid-Diretturi kien wieghdu li kien ser imur ihallas, izda ma kienx mar u kien tah cans sa' Frar, 2003. Kien f'dan iz-zmien li rega' talbu jimlilu xi *tax returns* u jibghathomlu. Ghalhekk meta wasal ghas-somma ta' tmien mija u disa' liri Maltin (Lm809), ekwivalenti ghal elf, tmien mija u erbgha u tmenin Euro u sitta u erbghin centezmu (€1,884.46) u dan ghal xoghol li kien ghamel is-sena ta' qabel fetah il-kawza.

Bhala VAT kien hemm qbil li kellu jhallas hamsa u tletin lira Maltin (Lm35), ekwivalenti ghal wiehed u tmenin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€81.53) ghal erba' (4) *tax periods*.

Ighid ukoll li kien ukoll ghenu fl-investigazzjoni li kienet qed issir da parti tal-VAT Department, u dawn ta' l-ahhar kellhom bzonn diversi dokumenti, u peress li din l-investigazzjoni kienet damet xhur ghaddejja, kienu qablu li r-rata ma tkunx ta' hames liri Maltin (Lm5), ekwivalenti ghal hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) is-siegha, u dan il-qbil jinsisti li kien sar qabel ma beda x-xoghol.

Ighid ukoll li kien ghamel ix-xoghol u ghaddiha f'forma ta' dokumentazzjoni u cioe' *management accounts*, lis-socjeta' konvenuta sabiex dawn jghadduha lil CIR. Dawn l-*accounts* imbaghad ghandhom jghaddu ghand l-Awditur.

Jikkonferma wkoll li kien ghamel zmien idahhal il-fatturi huwa stess, u meta m'ghamilx dan hu stess kienet taghmlu s-socjeta' konvenuta.

Jikkonferma wkoll li kien hemm zmien meta s-socjeta' konvenuta kienet qed tircievi *estimated tax*. Imbaghad kien hemm *late submissions*, kemm ghal dak li jirrigwarda l-VAT kif ukoll mal-MFSC.

Ra x-xhieda ta' Ivan Camilleri, fil-kapacita' tieghu bhala *desk officer* tal-MFSA, li esebixxa diversi listi tal-multi li gew imposti fuq is-socjeta' konvenuta u dan peress li, jew ma kienitx tipprezenta t-*tax returns* jew kienet tipprezentahom tardivament.

Jikkonferma li kien imur ikellmu l-attur dwar is-socjeta' konvenuta u dwar xi dokumentazzjoni mankanti da parti taghhom, u dan kien wara l-11 ta' Marzu, 2002, meta kien kiteb lid-Direttur tas-socjeta' konvenuta Gerald Zammit. Fil-31 ta' Lulju, 2002, kien mar ikellmu Direttur tas-socjeta' konvenuta dwar dawn id-dokumenti.

Ra x-xhieda ta' Gerald Zammit, li jichad li l-attur kien gie nkarigat mis-socjeta' konvenuta, izda kien hu stess li kien introduca ruhu meta kien mar jixtri mill-hanut. Ix-xhud jispjega li kien ghadu kemm ha l-hanut u kien ftiehem mieghu li kien qed jinkarigah sabiex jiehu hsieb il-karti kollha tal-kumpanija, bhal bolla, *final accounts* u kien ftiehem mieghu li ghandu jhallsu mitt lira Maltin (Lm100), u cioe' illum ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) fis-sena u dan sabiex jipprepara l-*final accounts*.

Fis-sena 2000 kien talab lill-attur sabiex itih stima ta' kemm kien ser izomm sabiex jiehu hsieb il-VAT *return,* li issa kellha tintbaghat kull tlett (3) xhur u ghalhekk b'kollox erba' (4) darbiet. L-attur kien baghat *fax* u kien tah stima ta' mija u erbghin lira Maltin (Lm140), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u sitta u ghoxrin Euro u hdax-il centezmu (€326.11) biex jipprepara l-erba' (4) Vat *returns*, izomm Vat *records* u dhul tal-imsemmija Vat *return* lid-Dipartiment tal-Vat.

Kien qallu ukoll li kien qed izommlu bir-rata ta' hames liri Maltin (Lm5), ekwivalenti ghal hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65), fis-

siegha sabiex jipprepara t-taxxa personali u din kienet l-anqas rata, minhabba li s-socjeta' konvenuta kienet wahda mill-ewwel klijenti tieghu.

Ix-xhud jispjega li hu kien jghaddi l-karti tal-kumpanija direttament lill-attur, imbaghad dan kien jghaddihom lill-Awditur. Ighid ukoll li wara xi sentejn, l-attur beda jaqa' lura f'xogholu u kien dejjem b'xi skuzi, izda kien jassikurah li x-xoghol kien ser ikun lest fil-hin rikjest. Kien hemm drabi meta kien iwahhal fl-Awditur li jkun qabbad hu stess, u kien ghalhekk li kienu ftehmu li jbiddluh. Fil-fatt, l-Awdituri kienu nbiddlu diversi drabi. Kien hemm fosthom, certu Jesmond Psaila u x-xhud ighid li kien jara l-*accounts* u wara li kien ikun soddisfatt kien jiffirma, u dan peress wara kollox kien jahseb li l-Awdituri kienu nies ta'fiducja tal-attur.

Fis-sena 2002 tfaccat multa mill-MFSA, fl-ammont ta' elf, mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm1,124), u cioe' ekwivalenti ghal elfejn, sitt mija u tmintax-il Euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€2,618.22), u dan sar jafu ghaliex kien ircieva ittra minghand certu Ivan Camilleri. Meta vverifika mieghu x'kienet il-kwistjoni, kien infurmah li kienu jirrapprezentaw multi peress li l-attur qatt ma kien baghat l-*audited final accounts*, kif ukoll l-*annual fee*. Peress li l-attur kien injora l-ittri taghhom, kien kiteb lix-xhud bhala Direttur tas-socjeta' konvenuta.

Kien ghamel diversi tentattivi sabiex jikkomunika mal-attur, izda dan kien qed jevitah u sa fl-ahhar meta qabdu, kien wieghdu li kien ser jiehu hsieb din il-multa, izda kien avzah li kien hemm kont pendenti ta' erba' mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tlett centezmi (Lm487.03), u cioe' ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u tletin Euro u sebgha u erbghin centezmi (€1,134.47), u jekk dan il-kont ma kienx ser jithallas ma kienx dispost jirrangalu fuq il-multa.

Peress li ma kellux alternattiva, kien hallas biss akkont ta' dan l-*invoice*, izda mbaghad sar jaf li l-attur qatt ma kien baghat dokumentazzjoni lid-Dipartimenti li kienu jikkoncernaw lis-socjeta' konvenuta.

Kien avvicina lill-attur u beda jaghmillu pressjoni sabiex ihallas il-multi li kien ghamillu mad-Dipartimenti kkoncernati. Kien qallu li l-multa mal-MFSA irnexxielu jnaqqasha ghal seba' mija u erbgha u sittin lira Maltin u sittin centezmu (Lm764.60), u cioe' ekwivalenti ghal elf, seba' mija u wiehed u tmenin Euro u erba' centezmi (€1,781.04). Ix-xhud ma kienx accetta, u issa t-talbiet tal-attur huma kollha fittizji.

Ighid ukoll li l-attur ghad ghandu d-dokumenti kollha ghandu dwar VAT u kontribuzzjonjiet u li qatt ma kien jaf li kien hemm xi investigazzjoni dwar VAT, u dan sar jafu biss wara li kien ircieva l-kont minghand l-attur. Baldacchino kien jerga' jghaddilu d-dokumenti tal-merkanzija.

Zammit ighid li kien jghaddi l-ittri li kien jircievi ndirizzati lis-socjeta' konvenuta, jew kull darba li kien ikun hemm ittra fuq xi VAT.

Jikkonferma wkoll li kien iffirma xi *adjustment forms* u fuqhom ma kienux saru *objections,* u dan minhabba li dawn kienu multi.

Fl-ahhar, ix-xhud jispjega li s-socjeta' konvenuta kienet qed titlob il-hlas mill-attur, il-multi mid-Dipartimenti tal-Gvern:-

(i) Kummissarju tat-Taxxi Interni – Lm440, ekwivalenti ghal €1,024.92
(ii) Registratur tas-socjetajiet – Lm764.60, ekwivalenti ghal €1,781.04
(iii) Taxxa Fuq il-Valur Mizjud – Lm587.11, ekwivalenti ghal €1,367.60

(iv) Total – Lm1,791.71, ekwivalenti ghal €4,173.56

Minhabba l-kompetenza ta' dan it-Tribunal, dan gie ridott ghall-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), u cioe' ekwivalenti ghal tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06).

Kien baqa' ihallas lill-attur sas-sena 2003, minkejja li kien intebah li kien hemm xi problemi. Wara din id-data kien hallas xi multi li kien hemm mal-VAT Department u kien baqa' tal-MFSA u tas-CIR

Ighid li meta dahal Direttur fis-socjeta' konvenuta l-*accounts* kienu *up to date*.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra

Illi minn parti f'din il-kawza qed issir talba sabiex is-socjeta' konvenuta thallas lill-attur ghas-servizzi rezi bhala *Accountant* ta' l-istess socjeta'. Da parti tas-socjeta' konvenuta, hemm insistenza li ma hemm l-ebda ammont dovut, u dan minhabba li l-attur kien negligenti fil-qadi ta' dmiru u minhabba f'hekk l-istess socjeta' wehlet diversi multi, li ghalihom ghandu jhallas l-istess attur, meta effettivament kien gie inkarigat biex jiehu hsieb l-aspett fiskali tal-finanzi tan-negozju gestit mis-socjeta' konvenuta.

Dan it-Tribunal, jibda biex ighid li ghamel analizi dettaljata tad-dokumenti li gew esebiti u jirrizulta mill-provi prodotti, li d-dizgwid bejn il-partijiet beda ghal habta tas-sena 2001. L-attur jinsisti li s-socjeta' konvenuta kienet bdiet taqa' lura fil-pagamenti, filwaqt li s-socjeta' konvenuta tinsisti li kien f'dan il-perjodu li kellha tibda tigri wara l-attur sabiex ilestilhom il-karti tat-taxxa, kif ukoll tal-VAT fiz-zmien stipulat, u dan kien dejjem isib l-iskuzi,

tant li gieli kienu spiccaw biex bidlu l-Awdituri, ghaliex l-istess attur kien iwahhal fihom.

It-Tribunal jaqbel li r-rizoluzzjoni ta' dina l-kawza pjuttost tiddependi fuq il-kredibilita' tal-partijiet.

L-attur ipprezenta diversi *invoices* ghab-bazi ta' liema kien qed jippretendi hlas. Jidher li kien hemm diversi kontijiet pendenti u fl-istess waqt kienu qed isiru wkoll xi pagamenti.

Gie nnutat ukoll illi ghal habta tas-sena 2001, kienet inghatat ghal xi raguni, kwotazzjoni ohra da parti tal-attur ghax-xogholijiet li kellu jaghmel.

Pero', effettivament ma gietx ipprezentata l-ebda konferma da parti tas-socjeta' konvenuta ta' din il-kwotazzjoni, pero' jibqa' l-fatt li l-attur kompla jaghmel xi xogholijiet ghas-socjeta' attrici anke fis-sena 2002 (*vide* Dokument AB1).

It-Tribunal, josserva li l-qofol tal-kwistjoni tirrisali ghal habta ta' Lulju, 2002, meta kien gie avzat mill-MFSA li kien hemm diversi multi li kellhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta u dan wara li kienet naqset li tipprezenta l-*annual return*, jew pprezentatha tardivament. Dan kollu huwa kkonfermat mix-xhud Ivan Camilleri, in rapprezentanza tal-MFSA, li jikkonferma li kien avza lil Gerald Zammit, bhala Direttur tas-socjeta' konvenuta b'dawn il-multi u jghid li mbaghad kien dahal fix-xena l-attur, li sa dakinhar qatt ma kien kellmu.

Jirrizulta li Zammit mar ghamel xi pagament akkont ta' sebghin lira Maltin (Lm70), ekwivalenti ghal mija u tlieta u sittin Euro u sitt centezmi (€163.06), u dan jidher li sar fl-1 ta' Awissu, 2002 u t-Tribunal huwa konvint minn dak li qed isostni l-istess Zammit li ghamel pagament akkont minhabba li l-attur kien beda jinsisti mieghu li kien hemm bilanc pendenti u jekk riedu jipprova jirranga dawn il-multi jew b'xi mod jikkonvinci lill-

Awtorita' tnaqqashom, kien qed jippretendi li jsir hlas tal-bilanc.

Din *per se*, hija ammissjoni da parti taz-zewg kontendenti – minn naha ta' l-attur li kien hemm multi minhabba xi nuqqasijiet u dokumentazzjoni mankanti, u da parti tas-socjeta' konvenuta, ammissjoni li kienet konsapevoli li kien ghad hemm bilanc dovut lejn l-attur.

Jirrizulta li l-bilanc li kien qed jippretendi l-attur kien ta' erba' mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tlett centezmi (Lm487.03), ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u tletin Euro u sebgha u erbghin centezmi (€1,134.47) li minnhom imbaghad kien hemm tlett (3) pagamenti ta' sebghin lira Maltin (Lm70), ekwivaletni ghal mija u tlieta u sittin Euro u sitt centezmi (€163.06), mitt lira Maltin (Lm100), ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94), u sebghin lira Maltin (Lm70), ekwivalenti ghal mija u tlieta u sittin Euro u sitt centezmi (€163.06) ohra, rispettivament u dan skont kif jirrizulta mid-Dokument AB1, esebit. L-ittra li biha wissa lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas dan il-bilanc, lanqas ma ggib data sabiex dan it-Tribunal ikun jista' jsegwi s-sekwenza tal-avvenimenti.

Zammit, ghas-socjeta' konvenuta jispjega li hu beda jaghmel l-investigazzjonijiet tieghu u sar jaf li kien hemm multi imposti fuq is-socjeta' mhux biss mill-MFSA, izda kien hemm tal-VAT, kif ukoll mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Ghal bidu kompla jhallas lill-attur, izda mbaghad minflok beda jhallas il-multi tal-VAT.

Is-socjeta' konvenuta tinsisti li t-talba ta' l-attur hija fittizja u dan ghaliex l-ammont li kien qed jippretendi l-attur gie irriduppjat. It-Tribunal josserva, li sa certu punt huwa konvint li kien hemm arretrati dovuti mis-socjeta' konvenuta u dan sas-sena 2002 u dan meta hija stess kienet

qed taghmel il-pagamenti u sa dak iz-zmien ma kienx jidher li kien hemm xi dizgwid.

Madanakollu, wara li hargu fil-berah il-multi li kien hemm mal-MFSA, t-Tribunal mhux daqshekk konvint mill-verzjoni ta’ l-attur li kien ghad hemm kontijiet pendenti. Aktar u aktar meta l-ahhar kontijiet huma *invoiced* bejn Jannar u Frar, 2003, meta jirrisalu ghal *accounts* tas-sena 2001.

Dan qed jigi pprecizat, ghaliex f’dan il-perjodu is-socjeta’ konvenuta saret taf li kellha multi sostanzjali mal-MFSA, kif ukoll kellha arretrati dovuti mal-VAT, u mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Dan gie ssostanzjat mir-rapprezentant tal-MFSA stess, mill-*istatements* tal-Vat. Dwar id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, kien hemm opposizzjoni da parti tad-Dipartiment stess sabiex jixhdu u jaghtu l-informazzjoni mehtiega minhabba d-*Data Protection* u ghalhekk dawn il-multi ma setghux jigu stabbiliti.

It-Tribunal ma jarax ghaliex m’ghandux jemmen il-verzjoni tas-socjeta’ konvenuta f’dan ir-rigward, li hija l-bazi tal-kontro-talba taghha u dan meta jirrizulta inekwivokabbilment li Zammit, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta, kien beda jhallas dawn il-multi. Oltre minn hekk sar jaf biss li kien hemm ukoll investigazzjoni tal-VAT minhabba l-*invoice* li esebixxa l-attur fil-mori tal-kawza.

Ghalhekk, gie stabbilit li kien hemm kont, u cioe’ bilanc pendenti mal-attur, fl-ammont ta’ erba’ mija u sebgha u tmenin lira Maltin u tlett centezmi (Lm487.03), ekwivalenti ghal elf, mija u erbgha u tletin Euro u sebgha u erbghin centezmi (€1,134.47), li minnhom kienu saru pagamenti ta’ mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240), ekwivalenti ghal hames mija u disgha u hamsin Euro u hames centezmi (€559.05), b’kollox.

It-Tribunal ihoss li m'ghadhux jikkunsidra l-bilanc l-iehor li qed jitlob l-attur, mis-somma ta' tmien mija u disgha liri Maltin u tlett centezmi (Lm809.03), ekwivalenti ghal elf, tmien mija u erbgha u tmenin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€1,884.53), u dan ghaliex fl-istess zmien kien ghad hemm hafna multi pendenti li kienu gew imposti minhabba traskurgani u negligenza da parti ta' l-attur, li wara kollox kien gie inkarigat mill-aspetti fiskali u finanzjarji tas-socjeta' konvenuta, biex jiehu hsieb ir-*returns*, il-VAT, u kwalsiasi aspett iehor relatat mal-finanzi tas-socjeta' konvenuta.

Effettivament, anke mill-istess xhieda rodotta mill-MFSA jidher li kien hemm multi li kienu jirrisalu ghal 1998, u cioe' hafna zmien qabel, pero' meta diga' kien hemm l-attur impjegat mas-socjeta'.

Tenut ta' dan kollu, it-Tribunal jikkunsidra ukoll li m'ghandux ghalfejn ma jaccettax il-verzjoni u l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, ghaliex irnexxiela tipprova li dawn il-multi kienu jezistu, ghalkemm fuq il-multi tal-MFSA qed tippretendi l-ammont ta' seba' mija u erbgha u sittin lira Maltin u erbgha centezmi (Lm764.04), ekwivalenti ghal elf, seba' mija u disgha u sebghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€1,779.73), meta x-xhud Ivan Camilleri indika bilanc ta' tmien mija u erba' liri Maltin (Lm804), ekwivalenti ghal elf, tmie mija u tnejn u tmenin Euro u tnejn u tmenin centezmi (€1,872.82). Dwar il-Taxxa Interna, minhabba li kien hemm problemi ta' xhieda da parti tad-Dipartiment, it-Tribunal ser jikkunsidra l-verzjoni tax-xhud Zammit bhala dik l-aktar verosimili, ghaliex kien dejjem konsistenti fix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, in vista li t-Tribunal qed jilqa' l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, dwar it-talba attrici, ghandhom jitnaqqsu l-ammont ta' mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240), ekwivalenti ghal hames mija u disgha u hamsin Euro u hames

> centezmi (€559.05) dovuti mis-socjeta' konvenuta lill-attur.
>
> Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jiddisponi l-ewwel mit-talbiet attrici billi jilqa' l-istess limitatament ghas-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240), illum ekwivalenti ghal hames mija u disgha u hamsin Euro u hames centezmi (€559.05) u jichadha ghal kumplament, u inoltre tilqa' l-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, u ghalhekk tordna lill-attur ihallas is-somma ta' elf, mitejn u sittin lira Maltin (Lm1,260), illum ekwivalenti ghal elfejn, disa' mija u hamsa u tletin Euro u centezmu (€2,935.01), a saldu ta' dak dovut lilu.
>
> L-ispejjes tal-kawza istitwita mill-attur kif ukoll dawk tal-kontrotalba jithallsu mill-partijiet skond ir-rispettiv rebh u telf.”

L-attur hassu aggravat kemm b'din is-sentenza kif ukoll bid-digriet tat-Tribunal tal-11 ta' Frar, 2008 li bih cahadlu t-talba tieghu ghall-produzzjoni ta' provi relattivament ghall-kontro-talba proposta mis-socjeta` konvenuta. Fis-sustanza l-aggravji tieghu huma f'din l-ordni:-

1. It-Tribunal ghamel ragonament zbaljat u, b'mod gravi, mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' l-ekwita` skond il-ligi meta pprovda bid-digriet precitat. Hawnhekk, huwa jikkontendi wkoll illi dak id-digriet tac-cahda jmur kontra l-principju ta' gustizzja *audi alteram partem* in kwantu hu ma nghatax il-possibilita` li jipprova l-assunti tieghu di fronte ghall-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta bil-kontro-talba; *multo magis*, imbaghad, meta l-istess Tribunal accetta li r-rizoluzzjoni tal-kawza kienet tiddependi fuq il-kredibilita` tal-partijiet;

2. Ukoll, fil-kaz tat-talba principali tieghu t-Tribunal ghamel apprezzament errat ta' l-ipotesi tal-ligi ghall-fatti. Huwa jissottometti illi ma ngiebet ebda prova li hu m'ghamelx ix-xoghol li ghalih kien ikkwota u hareg il-

fatturi u, barra minn dan, l-argoment tat-Tribunal f'dan il-kuntest ikun ifisser illi hu jigi penalizzat darbtejn, sija b'tnaqqis fit-talba tieghu u sija b'kundanna ghar-rizarciment tad-danni;

3. Fl-akkoljiment tal-kontro-talba t-Tribunal ma investigax kif imiss l-posizzjoni professjonali tieghu ta' "*accountant*" u naqas ukoll milli jiddetermina illi dak ir-rwol tieghu ma kellu ebda involviment fl-awditjar ta' l-*accounts* tal-kumpanija ghal skop ta' taxxa;

Ghal dak li hu l-ewwel motiv ta' aggravju jidher mill-atti tal-kawza illi l-antecedenti li wasslu ghall-provvediment tat-Tribunal tal-11 ta' Frar, 2008 kienu s-segwenti:-

1. B'nota tal-20 ta' Novembru 2003 (fol. 18) l-attur ipprezenta l-Affidavit tieghu limitatament dwar it-talba tieghu ghall-hlas ta' somma bilancjali ghal servizzi professjonali rezi. B'verbal registrat fl-udjenza ta' l-istess data gie dikjarat mill-allura konsulent legali ta' l-attur illi "dwar it-talba attrici m'ghandux provi aktar x'jipproduci". Fl-istess verbal jinghad ukoll illi l-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut dwar it-talba attrici u kontro-talba;

2. Fl-udjenzi tas-7 ta' Ottubru, 2004 (fol. 43) u ta' l-24 ta' Mejju, 2005 (fol. 54) gie kontro-ezaminat l-attur, u b'effett mill-udjenza tal-31 ta' Mejju 2006 (fol. 68) is-socjeta` konvenuta bdiet tressaq il-provi taghha;

3. B'rikors intavolat fis-17 ta' Jannar, 2008 (fol. 125) l-attur talab li jinghata l-fakolta li jaghti x-xhieda tieghu in meritu ghall-allegazzjonijiet u pretensjonijiet vantati mis-socjeta` konvenuta fil-kontro-talba. Is-socjeta` konvenuta permezz ta' Risposta introdotta fl-24 ta' Jannar, 2008 (fol. 126) opponiet din it-talba bl-argoment illi "guridikament, ix-xhieda li tinghata mill-attur rikonvenut f'kawza fejn tezisti wkoll kontro-talba ssir fi stadju tal-provi ta' l-attur u mhux wara l-istadju tal-provi tal-konvenut kif jipprova jipprospetta l-istess attur". It-Tribunal jidher li accetta dan l-argoment u ghadda biex cahad it-talba;

Hu principju pacifikament assodat illi ghal dak li jirrigwarda l-produzzjoni ta' provi fil-prim' istanza, "kwalunkwe intromissjoni tal-Qorti ta' l-Appell trid tkun mehtiega minn konsiderazzjonijiet ta' gravita`, u necessita`, li, pero`, fl-istess hin, iridu jkunu wkoll imprexxindibbli" ("**Saviour Cini *et* -vs- Vincent Saliba *et***", Appell Civili, 1 ta' Gunju, 1992). Dan huwa hekk ghaliex l-ammissibilita` u r-rilevanza tal-provi, apparti li hi ispirata minn esigenzi ta' razzjonalita` u ta' ekonomija processwali, tirrientra fl-isfera diskrezzjonali tat-tribunal adit fil-mertu, u, allura, dment li ma jitressqux ragunijiet serji u konvincenti li jiskossaw id-diskrezzjoni ezercitata, Qorti ta' revizjoni ma tistax in linea ta' massima tiddisturba dik l-istess diskrezzjoni. Agguntivament ukoll ma' dan premess, hemm il-volonta legislattiva dettata fl-Artikolu 204 (2) tal-Kodici ta' Procedura li jiddisponi illi 'meta s-smigh tal-kawza jinghalaq ma tista' tinghata l-ebda xhieda ohra, hlief ghal raguni gusta u bil-permess tal-Qorti";

Jinzel minn dan appena rilevat illi l-istharrig li jinnecessita li jsir minn din il-Qorti jikkoncerna l-punt jekk fil-kaz in ispecje tezistix "raguni gravi" li jgieghel lil din il-Qorti tindahal fid-diskretiva tat-Tribunal u, fl-istess waqt, jekk tissussistix dik ir-"raguni gusta" li kellha twassal lit-Tribunal biex jipprovdi diversament;

In linea generali, salv certi qaghdiet li ma jinteressawx il-kaz prezenti, il-prattika forense tiddetta illi hu l-attur li ghandu jibda biex iressaq il-provi ghas-sostenn tat-talba tieghu. Ezawrita din il-fazi, il-produzzjoni tal-provi tispetta lill-konvenut. Jezistu pero` certi eccezzjonijiet li jissugerixxu, b'sens ta' gustizzja, illi, terminati l-provi tal-konvenut, l-attur jigi koncess l-opportunita li jgib provi ohra. Ad ezempju, in ripulsa ta' xi punt gdid sollevat mill-konvenut, jew, ukoll, fejn jigu a konjizzjoni tieghu fil-kors tal-kawza fatti ohra wara li jkun ghamel id-dikjarazzjoni li kien temm il-provi;

Jekk, imbaghad, tezisti sitwazzjoni bhal fil-kaz prezenti fejn ghandek kontro-talba, ma jidherx li hu barra mill-ordinarju u mill-parametri ta' dak rilevat hawn fuq illi, processwalment, ghal dik li hi l-produzzjoni tal-provi l-kawza tippartecipa aktar minn stadju wiehed. Dan fis-sens illi l-attur iressaq il-provi biex jissorreggi d-domanda tieghu, segwit mill-provi tal-konvenut, kemm biex jikkontrasta dik l-istess domanda u biex isostni l-kontro-talba tieghu, dwar liema, imbaghad, l-attur ghandu jkollu l-fakolta li jipprova d-difizi tieghu kontra dik il-kontro-talba. Dan aktar u aktar imbaghad fejn, bhal f'dan il-kaz, mill-kontenut tal-kontro-talba kif ifformulata ma jkunx jidher anticipatament individwat sew u bi precizjoni f'hiex jikkonsisti n-nuqqas professjonali ta' l-attur u n-natura ezatta tad-danni pretizi ghad-dewmien u inadempjenzi. Hekk ma jistax jisfuggi lil din il-Qorti l-fatt li fl-istess kontro-talba s-socjeta` konvenuta ghamlet uzu mir-rizerva generika "kif jirrizulta ahjar mit-trattazzjoni tal-kawza". Ukoll dan il-fatt kellu jissuggerixxi lit-Tribunal li jsegwi orjentement divers minn dak adottat;

Din il-fehma tal-Qorti hi, imbaghad, guridikament imsahha mill-enuncjazzjonijiet tal-Qrati fis-sens illi, kif jinsab deciz, ir-rikonvenzjoni tippartecipa minn procedura "*del tutto speciale per cui in un unico giudizio si svolgono due azioni separate e distinte, l'una da parte dell'attore e l'altra, in riconvenzione, da parte del convenuto*" ("**Negte Luigi Spiteri Debono *nomine* -vs- Negte Charles Darmanin *nomine***", Appell Kummercjali, 25 ta' April, 1930). Jigifieri, kif ukoll deciz, "il-kontro-talba hi meqjusa bhala azzjoni separata distinta u principali u ma hemm xejn x'josta li l-qorti tilqa' kemm it-talba kif ukoll il-kontro-talba f'gudizzji allura separati u distinti imma naturalment fl-istess process" ("**Paul Gambin -vs- Frank Gambin *proprio et nomine***", Appell, 27 ta' Marzu, 1996. Dan, wara kollox, hu hekk dezumibbli ukoll mid-dispost ta' l-Artikolu 397 tal-Kapitolu 12;

In virtu ta' dan il-karattru awtonomu taghha, ukoll jekk it-talba principali ta' l-attur tigi dikjarata inammissibbli, xorta

wahda l-kontro-talba tibqa' tissussisti u trid tigi ezaminata u deciza, bhala istanza processwali *a se stante*, kapaci li tattira lejha l-istess ritwal ghal dik li hi l-produzzjoni tal-provi, konsimili ghal dik ta' l-istanza ta' l-attur;

Jikkonsegwi minn dan kollu konsiderat, kemm mill-aspett fattwali u l-aktar dak tad-dritt, illi c-cahda professa mit-Tribunal b'dak id-digriet tieghu ma kienetx gustifikata ghax ukoll, fejn hi pre-eminenti l-esigenza tas-sommarjeta` u tal-heffa fl-izvolgiment tal-gudizzju [Artikolu 9 (2) (a) tal-Kapitolu 380], l-attur ma kellux jigi mcahhad milli jressaq il-provi tieghu fil-konfront ta' kontro-talba li l-kontenut sostanzjali u dettaljat taghha gie mis-socjeta konvenuta divulgat u maghruf fil-kors tal-prcediment. Ghax ukoll, fejn it-Tribunal ghandu l-fakolta li jirregola l-procediment quddiemu skond kif jidhirlu xieraq [Artikolu 9 (1) tal-Kapitolu imsemmi], hu ghandu dejjem jaghmel dan fil-harsien tal-principju ta' gustizzja naturali, u dawn huma inderogabbli u superjuri ghal kull sommarjeta` u heffa;

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thossha fid-dover li ghandha tintegra lill-attur fl-istat processwali li jipproduci dawk il-provi opportuni li hu jidhirlu xierqa biex jiddefendi ruhu fil-konfront tal-kontro-talba. Raggunta din il-konkluzjoni, il-Qorti jidhrilha wkoll li ghalissa ghandha tissofferma hawn qabel ma tghaddi biex tinvesti l-aggravji l-ohra anke ghaliex hu opportun li qabel ma taghmel dan u tapplika wkoll l-principju tad-dritt ekwitattiv ghal liema jirreferi l-Artikolu 7 (1), Kapitolu 380, ikollha prezenti l-kwadru shih tal-provi.

Ghall-motivi premessi l-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju di fronte ghad-digriet tat-Tribunal tal-11 ta' Frar, 2008 li qed jigi revokat, biex l-attur ikollu l-opportunita` li jgib il-provi tieghu fir-rigward tal-kontro-talba. Iz-zewg aggravji l-ohra qed jithallew ghalissa impregudikati biex l-istess jigu deliberati u decizi minn din il-Qorti skond l-Artikolu 8 (4) tal-Kapitolu 380 wara li jkollha l-kwadru komplet tal-provi. L-appell qed jigi differit ghall-udjenza tad-29 ta' Jannar,

2010 b'dan li fil-frattemp ghandhom jinstemghu l-provi ta' l-attur ghall-kontro-talba permezz ta' l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana. L-ispejjez relattivi in mertu ghall-ewwel aggravju jithallew ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------